**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 229/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1659/1987)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fi-4 ta' Ottubru 1987 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied li llum huma maggorenni; Kopja tac-Certifikat hawn annessa markata Dok. MF1;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello datat erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006); Kopja annessa u markata dok. MF2;
3. Illi l-kontendenti jissodisfaw kwalunkwe kriterju tal-ligi sabiex ir-rikorrenti tottjeni d-divorzju;
4. Illi m'hemm ebda arrettrati tal-manteniment dovuti mill-intimat;
5. Illi m'hemm ebda tama ta`rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u tixtieq li hija tottjeni d-divorzju sabiex tkun tista' tkompli b'hajjitha;
7. Illi r-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha 'D';

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta bejn il-partijiet li zzewwgu fl-4 ta' Ottubru 1987 mahlul ghall-finijiet kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.
2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat hekk kif titlob il-ligi msemmija.
3. Tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘D'.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta’ Mejju 2024;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwieġeb li m’għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "D", il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Mejju 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. Il-Qorti qegħda wkoll tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha meħtieġa sabiex ir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe` "Farrugia".

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.